



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Jannar 2021
(OR. fr)

14008/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0352 (NLE)

AVIATION 245
RELEX 1005
MA 9
OC 18

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt
----------	--

DEĊIŻJONI (UE) 2021/...TAL-KUNSILL

ta'...

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt
stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni
bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda,
u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/146² u daħal fis-seħħ fid-19 ta' Marzu 2018.
- (2) L-Artikolu 22 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt magħmul mir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti ("il-Kumitat Konġunt") li huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Ftehim u l-implimentazzjoni xierqa tiegħu.
- (3) L-Artikolu 22(6) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim, jenħtieġ li jiġu adottati r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt.

¹ Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 57).

² Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/146 tat-22 ta' Jannar 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 26, 31.1.2018, p. 4.).

- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni, waqt l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ser ikollha effetti legali għall-Unjoni. Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 22 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kongunt¹.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr Deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument st 14010/20 fuq: <http://register.consilium.europa.eu>.